# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 37**

**Rikors numru 965/15/1 AF**

Wara d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 2015 għar-rikors revoka numru 1123/14LM – fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju 1902/14JPG

**GO p.l.c. (C 22334)**

**v.**

**Natalino Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-sekwestrat eżekutat Natalino Zammit kontra sentenza ta' nhar is-26 ta' Ottubru 2020 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet ta' Natalino Zammit u ċjoè li tirrevoka mandat ta' sekwestru

kawtelatorju maħruġ kontrih minn GO u tillikwida danni.

**Daħla**

2. Natalino Zammit, ir-rikorrent fil-kawża odjerna, *qua* appellant, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fit-12 ta' Ottubru 2015 ressaq din il-kawża fejn permezz tagħha talab lill-Ewwel Qorti:

> *"1.Thassar u tirrevoka d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-28 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet GO p.l.c Vs Natalino Zammit;*
>
> *2.Tirrevoka il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1902/14JPG fl-ismijiet premessi*
>
> *3.Tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru inhareg b'mod abbuziv mis-socjeta' GO plc u konsegwentement tiddikjara li l-istess socjeta' GO p.l.c ghandha twiegeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;*
>
> *4. Tillikkwida occorrendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mir-rikorrent;*
>
> *5. Tikkundanna lis-socjeta' GO p.l.c thallas d-danni hekk likwidati, bl-imghax dekorribbli skond il-ligi;"*

3. Illi l-appellant ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti:

> "*Ir-rikorrenti huwa sid tal-appartament numru tlieta (3) fil-blokk ta' appartamenti bl-isem ta' "Summer Breeze Apartments" fi Triq L-Imhar, il-Qawra, limiti ta' San Pawl il- Bahar, liema blokk ta' appartamenti huwa soggett ghal servitù illi l-appartamenti kollha jintuzaw ghal uzu residenzjali biss.*
>
> *Is-socjetà GO p.l.c. akkwistat l-appartament numru wiehed (1) fl-istess blokka tar-rikorrenti u bdiet xoghlijiet sabiex tikkonverti l-appartament f'"Telecommunications POP site".*
>
> *Ir-rikorrenti b'mod bonarju ressaq l-ilment tieghu lis-socjetà GO p.l.c. izda minkejja illi saru diversi laqhat ma' ntlahaq l-ebda ftehim.*
>
> *Ghalhekk ir-rikorrenti ma kellux ghazla ohra ghajr li jipprezenta ittra gudizzjarja (numru 2195/2014) datata il-hmistax (15) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014)) fil-konfront tas-socjetà GO p.l.c. sabiex tiddezisti milli taghmel uzu ta' natura kummercjali fil-fond numru 1, bl-isem "Summer Breeze Apartments" fi Triq l-Imhar, Qawra, limiti San Pawl il-Bahar, u*

*sabiex tiddezisti milli tkompli bil-pjanijiet taghha li tikkrea "Telecommunications POP Site".*

*Is-socjetà GO kompliet tippersisti fl-agir taghha bi pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrenti.*

*Sussegwentement ir-rikorrenti pprezenta mandat ta' inibizjoni (Dok. A) fil-konfront tas-socjetà GO p.l.c. u J.E.M. Investments Limited u Carmel sive Charles Attard u Evelyn Attard, fejn talab illi jitwaqqfu milli jaghmlu kwalsiasi uzu ta' natura kummercjali fil-fond bin-numru wiehed (1), fil-blokk ta' appartamenti bl-isem ta' "Summer Breeze Apartments" fi Triq L-Imhar, il-Qawra, limiti ta' San Pawl il- Bahar u b'mod partikolari milli jkomplu b'xoghlijiet intizi sabiex isir "Telecommuncations POP Site" gewwa l-istess fond u milli jippermetti lil terzi jaghmlu l-istess uzu jew iwettqu l-istess xoghlijiet.*

*Din il-Qorti permezz ta' digriet datat l-4 ta' Settembru 2014 laqat it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni (Dok B).*

*Dan il-mandat ta' inibizzjoni gie segwit b'kawza fl-ismijiet 'Natalino Zammit vs GO p.l.c. u J.E.M. investments Limited u Carmel sive Charles Attard u Evelyn Attard' Rikors Guramentat Nru. 828/2014 MH li tinsab fl-istadju provi ta' l-attur.*

*Fil-5 ta' Settembru 2014, is-socjetà GO interpellat lir-rikorrenti b'ittra ufficjali sabiex jipprovdi garanzija ghall-allegati danni sofferti mill-istess socjetà in konsegwenza tal-mandat ta' inibizzjoni.*

*Permezz ta' nota fl-atti tal-ittra ufficjali numru 2753/14, Natalino Zammit irribatta illi tali garanzija kellha tintalab fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1195/2014 fl-ismijiet 'Natalino Zammit vs Go p.l.c. et ai termini ta' l-artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Gialadarba din il-garanzija ma ntalbitx f'dawn il-proceduri, allura s-socjetà GO p.l.c. ma ghandha l-ebda bazi fil-ligi biex titlob l-istess.*

*Bl-intenzjoni li tivvessa u ddejjaq aktar lir-rikorrenti, kontestwalment ma' kawza fuq l-istess kawzali, s-socjetà GO p.l.c. ntavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1686/14 fis-somma ta' €165,000, [rapprezentanti danni sofferti minn GO p.l.c. wara li l-intimat zammha gudizzjalment milli tikkonverti f'Telecommunications POP Site l-appartament numru 1, bl-isem "Summer Breeze Apartments", Triq l-Imhar, Qawra, u milli tuzah ghall-iskop kummercjali] liema mandat permezz ta' digriet datat 29 ta' Ottubru 2014 [Dok. C], gie michud minn din l-Onorabbli Qorti ghar-raguni li fi kliem il-Qorti stess "Billi l-otteniment ta' mandat ta' inibizzjoni per se mhuwiex ragun ghat-talba hawn dedotta imma ghandhom jingiebu r-rimedji prezenti bl-artikoli 836 et seq, tal-Kap. 12."*

*Minkejja li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1686/14 gie michud, bl-aktar mod malizzjuz s-socjetà GO p.l.c. f'kaz car ta' Forum shopping*

*regghet ipprezentat mandat identiku ghal dak li kienet ipprezentat qabel, izda stenniet li jinbidel it-turn ta' l- imhallef ta' l-ghassa, u ottjenit il-hrug ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 1902/14JPG[Dok. D].*

*Jigi rilevat li bejn l-ewwel mandat u t-tieni mandat ma kien hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi li kien jimmerita xi kambjament ghal dak li jirrigwarda t-talba tas-socjetà GO ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru.*

*Jirrizulta bl-aktar mod manifest illi s-socjetà GO p.l.c. ntavolat il-mandat ta' sekwestru mhux biex tikkawtela l-allegati danni izda bhala arm twisting tactic biex tkompli tivvessa lir-rikorrenti.*

*Is-socjetà GO lanqas kellha bazi prima facie sabiex tressaq il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni. Il-fatt li xi hadd jintavola kontrik mandat ta' inibizzjoni sabiex iwaqqfek milli taghmel xi haga ma jaghtikx la awtomatikament u lanqas prima facie xi dritt ghal danni. Ir-rikorrenti kull ma ghamel kien sempliciment illi ddefenda l-interessi tieghu bil-mezzi li taghtih il-ligi. Ma mexiex b'mod arbitrarju jew kapriccuz. Huwa adixxa lil din l-Onorabbli Qorti bl-ilment tieghu li wara li semghet liz-zewg partijiet ghogobha tilqa' t-talba ghal hrug ta' madnat ta' inbizzjoni fil-konfront tas-socjetà rikorrenti, liema mandat gie segwit b'kawza sabiex tkun il-Qorti li tistharreg il-fondatezza tal-pretensjonijiet tieghu.*

*Kif ritenut fis-sentenzi tal-Qrati Maltin, fosthom Appell Civili Numru 306/2006/1 – Ratan Mohnani vs Carmelo Stivala – Onor. Imhallef Philip Sciberras – 11/6/2010 u Cit. Numru 368/2010 – Tal-Wardija Construction Co. Limited vs Francis u Carmen konjugi Vella – Onor. Imhallef Anthony Ellul – 30/5/2014, min jezercita dritt tieghu mhux responsabbli ghad-danni li jistghu jigru, sakemm il-pretensjoni tieghu ma tkunx arbitrarja jew kapriccjuza.*

*Anki fuq bazi ta' pregudizzju, r-rikorrenti qed isofri pregudizzju hafna akbar mis-socjetà GO, dan ghaliex wahda ghandha bazi kapitali ta' miljuni, mentri r-rikorrenti huwa cittadin normali li jahdem bi flusu. In konsegwenza ta' dan il-mandat, ir-rikorrenti qed jigi mcahhad minn dak kollu li rnexxielu jaqla' u jgemma tul il-hajja lavorattiva tieghu. Aktar minn hekk, huwa stultifikat milli jista' juza flusu biex ikompli ghaddej bix-xoghol tieghu.*

*Permezz ta' rikors fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo bin-numru 1123/14LM, ir-rikorrent ippremetta li jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt moghti lilu ai termini tal-artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentament jitlob il-hrug ta' kontromandat li permezz tieghu l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1902/14 fl-ismijiet premessi jigi revokat fl-intier tieghu. Illi l-esponent ibbaza it-talba tieghu fuq dak li jipprovdi is-subinciz (b), (d) u (f) tal-artikolu 836 subinciz (1) tal-Kap 12.*

*Fir-risposta ghal dan ir-rikors, is-socjetà GO, eccepit illi l-mandat huwa proceduralment korrett u hareg u gie ezegwit fuq talba ta' u taht ir-responsabbiltà ta' GO p.l.c. u ghalhekk jisthoqqlu li jibqa fis-sehh.*

*Permezz ta' digriet moghti fit-28 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet GO plc vs Natalino Zammit, l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet t-talba tar-rikorrent ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru 1902/14JPG u ordnat illi l-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali dwar l-kawza fil-mertu bejn il-partijiet [Dok. E].*

*Konsegwentement, ir-rikorrenti ntavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell izda dik il-Qorti permezz ta' sentenza tad-29 ta' Mejju 2015 iddecediet illi r-rikorrenti ma kellux lok ta' appell quddiemha u li l-procedura korretta sabiex jigi attakkat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Jannar 2015 huwa permezz ta' din il-kawza [Dok. F].*

*Ir-rikorrenti hassu aggravat mid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet premessi u ghandu nteress guridiku li jitlob li dan id-digriet jigi revokat fl-intier tieghu.*

4. Illi s-soċjetà GO p.l.c. ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

"*Preliminarjament, in-nullità u l-irritwalità tat-talbiet stante li l-ligi ma tipprovdix il-possibilità li c-cahda ta' talba ghat-tnehhija ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju tigi mpunjata b'rikors mahluf; ghalhekk id-decizjoni tat-28 ta' Jannar, 2015 ghandha titqies bhala res judicata.*

*Fil-mertu it-talbiet tal-attur Natalino Zammit għandhom jiġu miċħuda għaliex il-mandat ta' sekwestru 1902/2014 JPG mertu ta' dawn il-proċeduri ġie preżentat sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet leġittimi ta' GO p.l.c. għad-danni kif imressqa fil-kawża GO p.l.c. v Natalino Zammit [931/14 LM]. L-eċċipjenti ma tistax u m'għandhiex tinżamm responsabbli talli wżat id-drittijiet mogħtija lilha fil-liġi fil-qies li trid il-liġi.*

*Il-pretensjonijiet ta' GO p.l.c. fil-konfront ta' Zammit, li qed jiġu trattati fil-kawża 931/14 LM, huma prima facie raġjonevoli u għalhekk, kif se jintwera, hemm il-"fumus juris" neċessarju li jiġġustifika l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Natalino Zammit.*

*Kif se jintwera fil-mori tal-kawża, il-quantum indikat fil-mandat ta' sekwestru mertu tal-kawża [Euro 165,000] huma mhux biss raġjonevoli imma saħansitra wieħed konservattiv, tenut kont tan-natura tal-pretensjonijiet imressqa.*

*Mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn it-talbiet ta' Zammit huwa msejsa fuq allegazzjoni ta' nuqqas proċedurali u, partikolarment, ta'*

*forum shopping, dawn għandhom jiġu miċħuda għaliex ma hemm xejn fil-liġi li jipprojbixxi illi talba għal ħruġ ta' mandat kawtelatorju tiġi riproposta.*

*Safejn it-talbiet tal-atturi huma msejsa fuq l-argument illi GO p.l.c. hija listed company filwaqt li Zammit huwa "ċittadin normali", u li allura GO p.l.c. ma kellhiex tippreżenta mandat ta' sekwestru, dawn għandhom jiġu miċħuda għaliex ibbażati fuq argument għal kollox retoriku mingħajr ebda bażi fil-liġi. Il-Kap 12 ma jagħmel ebda distinzjoni bejn kumpanija finanzjarjament b'saħħitha u individwu, ħlief li tistipula li ma għandhomx jinħarġu mandati kawtelatorji kontra allegati debituri li l-likwidita' tagħhom hija notorja [836(8)(ċ)] li jidher li, ex admissis, mhuwiex il-każ ta' Natalino Zammit.*

*Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur ma sofra ebda danni u għalhekk fi kwalunkwe każ jeħtieġlu jġib prova kemm tal-eżistenza tad-danni allegati kif ukoll tal-quantum tagħhom.*

*Għall-kuntrarju hija GO p.l.c li sofriet danni bħala konsegwenza tal-aġir tal-attur, u dan kif qed jiġi dedott u pretiż f'kawża li ġiet intavolata quddiem din il-Qorti mill-esponenti GO p.l.c.; Għalhekk, fl-agħar ipoteżi, jekk xi danni huma dovuti dawn għandhom jiġu paċuti mad-danni li din l-Onorabbli Qorti tista' tiddeċiedi li huma dovuti lill-esponenti fil-proceduri pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduti."*

5. Illi l-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċide:

"*Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

U dan abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni r-rikorrenti qiegħed jittenta jimpunja d-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta fejn ġiet miċħuda t-talba tiegħu għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1902/2014. Huwa qiegħed jitlob lill-Qorti tirrevoka l-imsemmi mandat kif ukoll sabiex tiddikjara li dan il-mandat inħareġ b'mod abbużiv u konsegwentement, tordna lill-intimata GO p.l.c. tħallas għad-danni. Il-Qorti ser tindirizza l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata fil-konsiderazzjonijiet li ser tagħmel dwar il-mertu tal-każ.*

*Mill-provi prodotti jirriżulta li r-rikorrent huwa sid l-appartament bin-*

*numru 3, fil-blokka ta' appartamenti bl-isem ta' "Summer Breeze Apartments", Triq l-Imħar, Qawra. B'kuntratt tal-11 ta' Ottubru 2013, l-intimata GO p.l.c. akkwistat l-appartament bin-numri 1, ġewwa l-istess blokka, bl-iskop li dan tikkonvertih u tużah bħala 'Telecommunications POP site' sabiex ittejjeb is-servizzi ta' telekomunikazzjoni li hija toffri fiż-żona tal-Qawra.*

*Jidher li meta l-intimata bdiet tagħmel xogħlijiet fl-appartament, inkluż xogħlijiet strutturali sabiex timmodifikah kif kien hemm bżonn, ir-rikorrent beda jilmenta mal-ħaddiema u rappreżentanti ta' GO p.l.c. kemm dwar il-periklu li dawn ix-xogħlijiet setgħu jikkawżaw fl-appartament tiegħu, li huwa sovrastanti għal dak in kwistjoni, u kemm għaliex, skont hu, is-sidien kollha tal-blokka jgawdu minn servitù illi l-appartamenti kollha tal-istess blokka jintużaw biss bħala residenzi.*

*Peress illi diversi laqgħat bejn il-partijiet u ittri legali skambjati ma wasslu għall-imkien, fis-6 ta' Awwissu 2014, ir-rikorrenti intavola mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata, sabiex iżommha milli tagħmel kwalsiasi użu ta' natura kummerċjali mill-fond tagħha u b'mod partikolari milli tkompli b'xogħlijiet intiżi sabiex isir "Telecommunications Pop site" ġewwa l-istess fond. Dan il-mandat ġie milqugħ minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' digriet tal-4 ta' Settembru 2014. Il-mandat ġie segwit b'kawża fl-ismijiet Natalino Zammit vs GO p.l.c. et li qiegħda tinstema minn din il-Qorti diversament presjeduta.*

*Peress illi l-intimata tgħid illi l-aġir tar-rikorrent effettivament żamma milli tkompli tikkonverti u tuża l-appartament tagħha għall-iskopijiet li għalih akkwistatu, hija ppreżentat kawża għad-danni kontrih fl-ismijiet GO p.l.c. vs Natalino Zammit. Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Marzu 2019, din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet it-talbiet ta' GO p.l.c. Minn din id-deċiżjoni GO p.l.c. intavolat Appell li sal-lum għadu ma nstemax.*

*Il-pretensjonijiet tal-intimata f'dik il-kawża huma bbażati fuq il-fatt illi hija ġiet miżmuma milli tkompli bix-xogħol fuq il-proprjeta akkwistata minnha minħabba l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni u sussegwenti kawża li għamel Natalino Zammit. Il-pretensjonijiet tagħha ġew ikkwantifikati fis-somma ta' €165,000.*

*Kontestwalment mal-imsemmija kawża, l-intimata intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrent fis-somma ta' €165,000 'rappreżentanti danni sofferti minn GO p.l.c. wara li l-intimat żammha ġudizzjarjament milli tikkonverti f'Telecommuncations POP site l-appartament numru 1, bl-isem 'Summer Breeze Apartments,' Triq l-Imħar, Qawra, u milli tużah għall-iskop kummerċjali.' Dan il-mandat ġie miċħud permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' Ottubru 2014, peress illi l-Qorti qieset 'Billi l-otteniment ta' mandat ta' inibizzjoni per se mhuwiex raġun għat-talba hawn dedotta imma għandhom jinġiebu r-rimedji presenti bl-artikolu 836 et seq tal-*

*Kap. 12.'*

*Xahar wara li ngħata dan id-digriet, l-intimata ppreżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju ieħor, u din id-darba, il-mandat ġie akkordat mill-Qorti presjeduta diversament.*

*Minkejja li r-rikorrent talab il-ħruġ ta' kontro-mandat, din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet it-talba tiegħu permezz ta' digriet tat-28 ta' Jannar 2015. Huwa appella minn dan id-digriet iżda l-Qorti tal-Appell iddikjarat illi huwa ma kellux dritt t'appell quddiemha.*

*Huwa għalhekk għamel din il-kawża sabiex jimpunja d-digriet tat-28 ta' Jannar 2015 u qiegħed jitlob lil din il-Qorti tordna r-revoka tal-mandat kawtelatorju kif ukoll likwidazzjoni u ħlas ta' danni minħabba li jinsab imċaħħad mill-użu ta' flusu. Ir-rikorrenti jinsisti li dan il-mandat kawtelatorju mhuwiex meħtieġ, u sar b'mod abbużiv għaliex l-għan aħħari tal-intimata huwa li tivvessah.*

*Quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, ir-rikorrent ibbaża t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' kontro-mandat fuq il-paragrafi (b), (d) u (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 li jaqraw hekk:*

> *"Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

*Kif intqal fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Desmond Stanley Stuart vs Therese Mangion Galea, tad-29 ta' Lulju 2005:*

> *"Il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu."*

*Fil-kawża tal-lum, ir-rikorrent mhuwiex jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu*

*fuq xi waħda jew aktar mir-raġunijiet elenkati fl-artikolu suċitat. Wara li fliet bir-reqqa l-atti ta' din il-kawża, il-Qorti tqis illi l-argumenti li jġib sabiex jiġġustifika t-talba tiegħu għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huma essenzjalment l-istess li huwa għamel quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fil-kors tal-proċeduri 1123/2014.*

*L-argument ewlieni tiegħu huwa fis-sens li l-intimata ma kellha l-ebda bażi prima facie sabiex titlob il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għaliex ma hemmx ness bejn il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni u t-telf li qiegħda ssofri l-itimata.*

*Madanakollu, dan huwa argument li ma jistax jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti mingħajr ma tinvesti l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, mertu li ġie trattat u deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta imma li għad irid jiġi deciz finalment mill-Qorti tal-Appell. Filfatt, jidher illi l-bażi tal-pretensjoni tal-intimata mhijiex biss sempliċiment li hija ġiet miżmuma milli tkompli bix-xogħlijiet permezz tal-mandat ta' inibizzjoni, imma għaliex, skont hi, ir-rikorrent baqa' sieket għal xhur sħaħ u pproċeda ġudizzjarment biss meta l-proġett kien kważi lest, bi ħsara kbira għaliha wara li nefqet somom konsiderevoli sabiex ikkonvertiet l-appartament f' 'Telecommunications POP site'. Issa jekk dan huwiex minnu jew le, u jekk konsegwenza t'hekk, ir-rikorrent huwiex responsabbli għad-danni, għad irid jiġi deċiż finalment mill-Qorti tal-Appell.*

*Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-provvedimenti tagħha fil-proċeduri fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et u Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et, tal-10 ta' Mejju 2001 u 29 ta' Novembru 2001 rispettivament:*

> *"...mid-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie' u dan ghaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja."*

*L-istess Qorti fil-provvediment fl-ismijiet Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti, tas-27 ta' Ġunju 2002, qalet ukoll illi:*

> *"...fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa ovjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, għall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001". Vide wkoll ("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian" – tat-30 ta' Mejju 2002 per Onor Imhallef Dr R.C. Pace) kif ukoll "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" tas-*

*16 ta' Settembru 2002 per Onor Imhallef Dr. T. Mallia)."*

*Jekk għandhiex raġun jew le l-intimata fil-pretensjonijiet tagħha, mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tiddeċiedi. Dak li trid tara l-Qorti llum huwa jekk jikkonkorrux l-elementi skont il-liġi sabiex jitħassar id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta' Jannar 2015 u konsegwentement jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni.*

*Fil-każ fl-ismijiet Elton Penza et vs Terra Mediterranea Limited et, tal-11 ta' Lulju 2017, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:*

> *"Naturalment id-diversi argumenti imressqa mill-kontendneti fir-rigward tal-mertu tal-vertenza bejniethom huma ghal kollox irrilevanti f'dan l-istadju. Mandat kawtelatorju ghandu jinhareg meta jkun jidher 'prima facie' li min jitolbu ghandu ragun jaghmel dik it-talba – eventwalment jista' jkun li dik it-talba tirrizulta gustifikata fil-kawza li tigi istitwita minnu izda jista' jkun ukoll il-kaz li finalment ma jirrizultax hekk – u jekk it-talba issir malizzjosament ibati l-konsegwenzai tal-eghmil tieghu.*
>
> *Ghalhekk il-Qorti trid tara f'dan l-istadju jekk it-talba ghall-hrug tal-mandati in kwistjoni kenitx gusitifkata u jekk ma kienux tordna t-tnehhija taghhom."*

*Fil-każ ta' Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Mejju 2002, intqal:*

> *"...dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza huwa jekk l-konvenut kellux prima facie bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt per se ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi min dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-pozittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni "Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd" (P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001) "Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu."*

*Finalment, din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Marco Bugelli vs Mark Micallef et, tat-3 ta' Awwissu 2018, fil-kuntest ta' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni qalet hekk:*

*"Il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża propja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja. Dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-aħħar jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta'*

*Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża. Għalhekk il-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Illi kull ma hu meħtieġ u fl-istess ħin huwa biżżejjed għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni li jkun hemm fumus boni iuris."*

*Ir-rikorrent jargumenta wkoll li l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni kien abbużiv għaliex:*

*i. Huwa qiegħed isofri preġudizzju akbar milli kienet issofri l-intimata likieku t-talba għall-ħruġ tal-mandat ma ġietx milqugħa;*

*ii. Il-mandat ġie milqugħ mat-tieni attentat tal-intimata li tottjenih;*

*iii. L-intimata setgħet tipproċedi skont l-artikolu 838A tal-Kap. 12 sabiex titlob lill-Qorti tordna lir-rikorrent jagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' danni.*

*Madanakollu, l-ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma hija bażi tajba sabiex skont il-liġi jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru de quo. Dwar il-kwistjoni tal-preġudizzju, il-liġi tal-proċedura ma titlobx eżami ta' din ix-xorta. Bl-istess mod, ma kien hemm xejn li jżomm lill-intimata milli terġa titlob il-ħruġ tal-mandat wara li l-Qorti ma laqgħetx it-talba tagħha l-ewwel darba. Finalment, kienet il-prerogattiva tal-intimata jekk tipproċedix skont l-artikolu 838A tal-Kap. 12 jew titlobx li jinħareġ mandat kawtelatorju.*

*Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura mid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċeduri 1123/2014 u allura mhuwiex il-lok li f'dan l-istadju l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jiġi revokat. Li kellha tagħmel din il-Qorti diversament presjeduta huwa li tara jekk il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju kienx prima facie ġustifikat. Fil-fehma tal-Qorti, ġie muri li fuq livell ta' prima facie, l-intimata għandha pretensjoni x'tivvanta u filfatt, l-argument tar-rikorrent li proċeduri ġudizzjarji ma jistgħux jagħtu lok għall-kawża għad-danni tista' tiġi newtralizzata bit-talba għad-danni li huwa stess għamel f'din il-kawża.*"

6. Illi permezz ta' sentenza preliminari ta' nhar il-11 ta' Ottubru 2016[1] l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellata GO p.l.c (minn issa 'l quddiem imsejħa "is-soċjetà appellata").

---

[1] Fol. 64 et. seq.

7. Illi l-appellant Natalino Zammit, ressaq dan l-appell nhar il-11 ta' Novembru 2020 u bbaża l-istess fuq erba' aggravji: li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ma kkunsidratx it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru għaliex ma kien hemm l-ebda bdil fiċ-ċirkostanzi meta s-soċjetà appellata pproponiet li jinħareġ it-tieni mandat (**l-Ewwel Aggravju);** li mingħajr preġudizzju s-sentenza tal-Ewwel Qorti tikkontjeni evalwazzjoni ħażina tas-sottomissjonijiet u applikazzjoni żbaljata għal dak li jirrigwarda l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju (**it-Tieni Aggravju);** illi mingħajr preġudizzju, l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta ċaħdet it-talba tal-appellant sabiex is-soċjetà appellata tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-appellant (**it-Tielet Aggravju)**; li l-Ewwel Qorti donnha rraġunat li l-appellant ma rrispettax xi rekwiżit proċedurali (**Ir-Raba' Aggravju)**.

**Fatti**

8. Il-fatti li wasslu għall-kawża odjerna żvolġew wara li s-soċjetà appellata akkwistat l-appartament 1, Summer Breeze Apartments, Triq l-Imħar, il-Qawra bil-għan li ttejjeb is-servizzi ta' telekomunikazzjoni li hija toffri fiż-żona tal-Qawra, u dan billi l-fond tużah bħala 'Telecommunications POP site'. Illi bdew isiru xi xogħlijiet u qamet kwistjoni mal-appellant, li huwa l-proprjetarju ta' appartament numru 3 fl-istess blokka ta' appartamenti, relatata mal-użu tal-blokka u jekk jeżistix

servitù li jiggarantixxi illi l-appartamenti tal-blokka jintużaw biss għall-skop residenzjali.

9. Eventwalment ġie intavolat mandat ta' inibizzjoni mill-appellant[2] li ġie milqugħ permezz ta' digriet tal-4 ta' Settembru 2014[3]. Permezz tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1195/2014 fl-ismijiet 'Natalino Zammit v. GO p.l.c. et', l-appellant fil-kawża odjerna talab li s-soċjetà appellata u terzi jieqfu milli jagħmlu kwalsiasi użu ta' natura kummerċjali fil-fond, b'mod partikolari milli jkomplu b'xogħlijiet intiżi sabiex isir '*telecommunications POP site*' ġewwa l-istess fond u milli jippermetti lil terzi jagħmlu l-istess użu jew iwettqu l-istess xogħlijiet.

10. Is-soċjetà appellata ressqet kawża[4] titlob li tiġi kkumpensata għall-allegati danni li tgħid li sofriet minħabba l-mandat ta' inibizzjoni, konsistenti fi spejjeż li hi għamlet għax-xiri tal-apparat meħtieġ, ix-xogħol li laħaq sar fuq il-post, u spejjeż anċillari oħra fosthom il-ħlas għal servizzi professjonali u l-valur tal-fond innifsu, kif ukoll it-telf ta' qligħ li n-nuqqas ta' użu ta' dan il-fond qiegħed jikkawżalha. Is-soċjetà appellata ressqet ukoll rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1686/14[5], madankollu dan ġie miċħud permezz ta' digriet tad-29 ta' Ottubru 2014[6]:

---

[2] Fol. 9 et. seq.
[3] Fol.13 et. seq.
[4] 931/2014 LM fl-ismijiet GO p.l.c. v. Natalino Zammit
[5] Fol.15 et. seq.
[6] Fol.18 et seq.

> *"Billi l-otteniment ta' mandat ta' inibizzjoni, per se mhuwiex raġun għat-talba hawn dedotta imma għandhom jinġiebu r-rimedji presenti bl-artikoli 836 et seq. Tal- Kap 12, tiċħad it-talba."*

11. Wara dan is-soċjetà appellata ressqet il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni, u ċjoè l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1902/14JPG, li ntlaqa'.[7] Illi skont xhieda ta' rappreżentanta tal-Bank of Valletta[8] ġew depożitati 'l fuq minn mija u wieħed u ħamsin elf Ewro (ċirka €150,000) wara dan il-mandat.

12. Illi fl-ewwel talba għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, li ġie miċħud, intalab il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju abbażi ta':

> *"Mija u ħamsa u sittin Elf Euro (€165,000.00) f'danni sofferti minn GO p.l.c. wara li Il-intimat żammha ġudizzjalment milli tikkonverti f'Telecommunications POP Site l-appartament (1), " Summer Breeze Apartments", Triq l-Imħar, Qawra u milli tużah għall-iskop imsemmi. Dan kif spjegat aħjar u kif dedott f'rikors maħluf fl-ismijiet fuq ċitati li qed jiġi intavolat kontestwalment ma dan il-mandat. B'riżerva għal danni ulterjuri."*

Fit-tieni mandat, dak odjern, tressqet is-segwenti talba:

> *"Mija u ħamsa u sittin Elf Euro (€165,000.00) somma proviżorjament ikkalkulata għall-iskopijiet ta' dan il-mandat konsistenti f'danni sofferti minn GO p.l.c. wara li l-intimat żammha ġudizzjalment milli tikkonverti f'Telecommunications POP Site l-appartament (1), " Summer Breeze Apartments", Triq l-Imħar, Qawra u milli tużah għall-iskop imsemmi. Dan kif spjegat aħjar u kif dedott f'rikors maħluf fl-ismijiet fuq ċitati li ġie ppreżentat nhar l-24 ta' Ottubru, 2014 bin-numru 931/14 LM.B'riserva ulterjuri."*

---

[7] Fol. 20 et seq.
[8] Fol. 151 et. seq. u Fol. 159

13. Illi l-appellant ressaq appell mid-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1902/14JPG, iżda dan ġie miċħud b'digriet numru 1123/14 LM tat-28 ta' Jannar 2015[9]:

> "*Tqis illi wara li eżaminat il-kontenut tar-Rikors, u kif is-soċjetà intimata wieġbet għar-Rikors, il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent ma rnexxilux juri imqar bi prova prima facie li jeżistu l-elementi rikjesti mill-liġi sabiex jiġi revokat il-Mandat.*
>
> *Decide*
>
> *Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tas-soċjetà rikorrent għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru. 1902/14 maħruġ fis-28 ta' Novembru, 2014 fl-ismijiet GO p.l.c. (C22334) vs. Natalino Zammit I.D. 104262(M) kif dedotta fir-rikors tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2014. L-ispejjez ta' din il-proċedura jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali dwar l-kawża fil-mertu bejn il-partijiet.*"

14. Illi wara dan, l-appellant ressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell iżda dan ġie miċħud abbażi ta' eċċezzjonijiet proċedurali nhar id-29 ta' Mejju 2015:

> "*7. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tas-Sekwestranti u għalhekk tiddikjara l-appell invalidu.*"[10]

15. Illi wara dan kollu, l-appellant ressaq din il-kawża sabiex jirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tiegħu.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

[9] Fol. 22 et. seq.
[10] Fol. 31 et. seq.

***L-Ewwel Aggravju***

16. L-appellant jilmenta li jħossu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi u dan għax jilmenta li ma kkunsidratx it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru liema talba saret għaliex ma kien hemm l-ebda bdil fiċ-ċirkostanzi meta s-soċjetà appellata pproponiet li jinħareġ it-tieni mandat. Jgħid illi l-azzjoni tas-soċjetà appellata qatt ma setgħet tkun proponibbli u dan stante li preċedentement is-soċjetà appellata kienet ipprovat toħroġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju b'talba identika għat-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern. Jgħid li s-soċjetà appellata ma kellhiex raġunijiet leġittimi biex tressaq il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u li persuna li terżerċita dritt mogħti lilha mil-liġi ma għandhiex tinstab responsabbli għad-danni. B'referenza għall-mandat ta' inibizzjoni mressaq minnu bin-numru 1195/14, jgħid illi s-soċjetà appellata kellha rimedju taħt l-Artikolu 838A, li għażlet li ma teżerċitax. Jgħid li għamlet *forum shopping* għaliex stenniet li jinbidel l-imħallef sedenti. Jisħaq illi l-Ewwel Qorti kellha tagħmel distinzjoni bejn mandat ta' sekwestru u mandat ta' inibizzjoni stante li f'mandat ta' inibizzjoni l-Qorti tisma' lill-partijiet.

17. Is-soċjetà appellata wieġbet li dan mhux korrett u li l-Qorti Ċivili fl-atti tar-rikors numru 1123/14LM qieset tali argumenti u kkonkludiet illi s-soċjetà appellata ma rabtitx it-talbiet tagħha biss mal-fatt li l-appellant

għamel mandat ta' inibizzjoni. Tgħid li l-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa biss sabiex jiġi determinat għandux ikun revokat il-mandat. Tgħid li b'referenza għall-Artikolu 836 tal-Kap 12, ma kinitx eskluża milli tiftaħ azzjoni separata. Iżżid illi ċ-ċaħda għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru ma ngħatatx permezz ta' xi sentenza f'kawża u konsegwentement ma kinitx projbita li terġa' tressaq tali mandat. Tisħaq illi hi qatt ma sostniet illi l-appellant ma setax iressaq il-mandat ta' inibizzjoni iżda dan għamlu f'mument fejn kien jaf li ser iħalli l-aktar effett. Tgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tagħmel distinzjoni bejn il-mandat ta' sekwestru u dak ta' inibizzjoni għaliex dawn it-tnejn għandhom l-istess skop u li fit-tnejn ikun hemm is-smigħ tal-provi. Tgħid li hi ironika kif l-appellant qed jitlob li jiġi kkumpensat għad-danni sofferti minnu meta huwa qed jisħaq li mhux passibbli għad-danni għaliex kellu dritt li jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

18. Essenzjalment dak li l-appellant irid li jiġi determinat huwa jekk is-soċjetà appellata setgħetx tressaq mandat ta' sekwestru kawtelatorju wara li Qorti oħra ċaħdet il-ħruġ tal-istess u dan meta l-kawżali baqgħu l-istess u li s-soċjetà appellata għamlet *forum shopping*. L-appellant jilmenta wkoll li ma kellux jinħareġ l-ebda mandat ta' sekwestru kawtelatorju stante li hu kien għamel użu leġittimu meta ppreżenta l-mandat ta' inibizzjoni u li s-soċjetà appellata kellha rimedju ieħor għall-finijiet tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

19. Din il-Qorti tosserva illi l-appell odjern ġie mressaq wara numru ta' azzjonijiet bl-intiża li jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1902/14 JPG. Illi wara l-ħruġ tal-mandat 1902/14 JPG, l-appellant ressaq rikors fl-atti ta' dan il-mandat fejn kienet mitluba r-revoka tal-istess u permezz ta' deċiżjoni 1123/2014 LM, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba għar-revoka u qieset li ma kienx il-kompitu tagħha li tidħol fil-mertu tal-kwistjoni u li *prima facie* kienu jeżistu l-elementi rikjesti mill-liġi sabiex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jibqa' fis-seħħ. L-appellant ressaq appell wara dan id-digriet iżda l-Qorti tal-Appell qieset illi l-appell kien invalidu stante li ma jistax isir appell minn digriet ħlief fejn id-dritt ta' appell jingħata taħt l-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kien wara dan kollu li tressqet l-azzjoni odjerna.

20. Tosserva illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiemha xi vertenza kompletament ġdida iżda ġiet rinfaċċjata b'ċirkostanza fejn kellha tiddetermina mill-ġdid jekk Qorti oħra diversament presjeduta kellhiex tilqa' kontro-mandat sabiex jitneħħa l-mandat in kwistjoni[11]. L-Ewwel Qorti b'hekk kienet mitluba li tħassar u tirrevoka d-digriet tat-28 ta' Jannar 2015.

21. Konsegwentement, f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tkun mistennija tiddetermina l-kweżit daqs li kieku t-talba għall-kontro-mandat

[11] Digriet numru 1123/14 LM tat-28 ta' Jannar 2015

tressqet quddiemha l-ewwel darba. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tindaga d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, li fil-każ odjern kienet ukoll mistennija tindaga dak li ddegretat Qorti oħra.

22. Din il-Qorti ma għandhiex quddiemha ir-rikors tal-appellant imressaq quddiem dik il-Qorti diversament presjeduta li wassal għad-deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2015[12], madankollu huwa ampjament ċar, anke mir-rikors ġuramentat tal-kawża odjerna[13], illi l-appellant sejjes it-talba tiegħu għall-kontro-mandat fuq is-segwenti subinċiżi tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12:

> "(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;
> (d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew
> (f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

23. Jiġi osservat illi f'dan l-istadju l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huwa stat ta' fatt u għall-kuntrarju tal-mandat ta' inibizzjoni mhuwiex maħsub li jsir is-smigħ tiegħu sabiex dan jiġi ddegretat u maħruġ. Konsegwentement in-natura tal-azzjoni mressqa mhux intiża sabiex jitwaqqaf il-ħruġ tal-istess mandat, iżda sabiex jitneħħa dak il-mandat minħabba raġunijiet li jirriżultaw fl-Artikolu 836 tal-Kap 12; u dan partikolarment għar-raġunijiet imressqa fis-subinċiżi indikati mill-

[12] ibid
[13] Fol.1 et. seq.

appellant.

24. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi għaliex ma kkunsidratx illi ma kinitx intlaqgħet talba oħra għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, madankollu l-Ewwel Qorti kienet ċara f'dak li kkunsidrat u ċjoè:

> "*Ir-rikorrent jargumenta wkoll li l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni kien abbużiv għaliex:*
>
> *i. Huwa qiegħed isofri preġudizzju akbar milli kienet issofri l-intimata likieku t-talba għall-ħruġ tal-mandat ma ġietx milqugħa;*
>
> *ii. Il-mandat ġie milqugħ mat-tieni attentat tal-intimata li tottjenih;*
>
> *iii. L-intimata setgħet tipproċedi skont l-artikolu 838A tal-Kap. 12 sabiex titlob lill-Qorti tordna lir-rikorrent jagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' danni.*
>
> *Madanakollu, l-ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma hija bażi tajba sabiex skont il-liġi jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru de quo. Dwar il-kwistjoni tal-preġudizzju, il-liġi tal-proċedura ma titlobx eżami ta' din ix-xorta. Bl-istess mod, ma kien hemm xejn li jżomm lill-intimata milli terġa titlob il-ħruġ tal-mandat wara li l-Qorti ma laqgħetx it-talba tagħha l-ewwel darba. Finalment, kienet il-prerogattiva tal-intimata jekk tipproċedix skont l-artikolu 838A tal-Kap. 12 jew titlobx li jinħareġ mandat kawtelatorju.*
>
> *Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura mid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċeduri 1123/2014 u allura mhuwiex il-lok li f'dan l-istadju l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jiġi revokat. Li kellha tagħmel din il-Qorti diversament presjeduta huwa li tara jekk il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju kienx prima facie ġustifikat. Fil-fehma tal-Qorti, ġie muri li fuq livell ta' prima facie, l-intimata għandha pretensjoni x'tivvanta u filfatt, l-argument tar-rikorrent li proċeduri ġudizzjarji ma jistgħux jagħtu lok għall-kawża għad-danni tista' tiġi newtralizzata bit-talba għad-danni li huwa stess għamel f'din il-kawża.*"

25. Illi fir-rigward tal-argumenti l-oħra miġjuba illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx illi s-soċjetà appellata ma għandiex pretensjoni leġittima,

jingħad li kif qalet sew l-Ewwel Qorti:

> "*L-argument ewlieni tiegħu huwa fis-sens li l-intimata ma kellha l-ebda bażi prima facie sabiex titlob il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għaliex ma hemmx ness bejn il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni u t-telf li qiegħda ssofri l-itimata.*
>
> *Madanakollu, dan huwa argument li ma jistax jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti mingħajr ma tinvesti l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, mertu li ġie trattat u deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta imma li għad irid jiġi deciz finalment mill-Qorti tal-Appell.*"

26. Konsegwentement l-argumenti mressqa mhumiex lokhom hawn u dan tenut kont li l-vertenza odjerna hija limitatament intiża sabiex jiġi determinat hemmx lok li jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni li primarjament intalab sabiex tiġi kkawtelata pretensjoni li fuqha hemm għaddejja kawża oħra fil-mertu.

27. Konsegwentement din il-Qorti tqis li ma hemm xejn x'tiċċensura f'dak determinat mill-Ewwel Qorti u qiegħda b'hekk tiċħad dan l-aggravju.

***It-Tieni Aggravju***

28. Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jilmenta li mingħajr preġudizzju s-sentenza tal-Ewwel Qorti tikkontjeni evalwazzjoni żbaljata tas-sottomissjonijiet u applikazzjoni żbaljata għal dak li jirrigwarda l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju. Jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha abbażi tal-kawżali. Jgħid li l-

fatt li s-soċjetà appellata ressqet mandat wara li allegatament sofriet danni għax l-appellant żammha milli tkompli bix-xogħol tagħha, wara li tressaq mandat ta' inibizzjoni minnu turi kemm hija insostenibbli l-pożizzjoni tas-soċjetà appellata u dan għaliex ma kienx hu li żamm lis-soċjetà appellata milli tkompli bix-xogħol tagħha iżda kollox sar b'ordni tal-Qorti. Jgħid li s-soċjetà appellata abbużat mill-proċedura meta fetħet kawża kontrih għad-danni u li l-mandat ġie akkordat mingħajr ma rriżulta ebda prospett tad-danni. Iżid li l-Ewwel Qorti żbaljat meta aċċettat is-sottomissjoni tas-soċjetà appellata li ladarba tressqet kawża *ad hoc* għad-danni mis-soċjetà appellanti kellha raġuni l-għala tressaq mandat ta' sekwestru u dan għaliex biex jiġi kkunsidrat il-fundament ġuridiku tal-mandat il-Qorti kellha tħares lejn il-korp tal-mandat u mhux tal-kawża. In oltre tgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata għaliex fil-mument li tat is-sentenza kienet taf illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, diversament presjeduta, kienet ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà appellata fl-atti tal-kawża 931/2014 fl-ismijiet Go plc v. Natalino Zammit u dan b'deċiżjoni tal-11 ta' Marzu 2019, anke jekk din għadha *sub judice*.

29. Is-soċjetà appellata twieġeb illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni iżda kellha biss tiddetermina jekk *prima facie* teżistix il-pretensjoni ta' min qed iressaq il-mandat. Tgħid illi l-mandat ta' sekwestru instema' u tressqu sottomissjonijiet u fuq kollox fil-kawżali tal-mandat ta' sekwestru mressaq minnha saret referenza għall-kawża

931/2014LM. Fir-rigward tal-kwantum ingħad illi dan ma ġiex ivvintat minn imkien iżda kien dak l-ammont mitlub fil-kawża fuq imsemmija.

30. L-ewwelnett jiġi osservat illi s-soċjetà appellata speċifikament irreferiet għall-kawża fejn qiegħed jintalab li ssir likwidazzjoni ta' danni u liema somma hija kawtelata bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern:

> "*Mija u ħamsa u sittin Elf Euro (€165,000.00) somma proviżorjament ikkalkulata għall-iskopijiet ta' dan il-mandat konsistenti f'danni sofferti minn GO p.l.c. wara li l-intimat żammha ġudizzjalment milli tikkonverti f'Telecommunications POP Site l-appartament (1), " Summer Breeze Apartments", Triq l-Imħar, Qawra u milli tużah għall-iskop imsemmi. Dan kif spjegat aħjar u kif dedott f'rikors maħluf fl-ismijiet fuq ċitati li ġie ppreżentat nhar l-24 ta' Ottubru, 2014 bin-numru 931/14 LM.B'riserva ulterjuri.*"

31. It-tieni nett u rrispettivament kif ġie ppreżentat dan l-aggravju dak li qed jipprova jagħmel l-appellant huwa li jidħol fil-mertu tal-kwistjonijiet li hemm pendenti bejn il-partijiet u li qed jiġu indagati separatament. Kif saħqet l-Ewwel Qorti:

> "*Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-provvedimenti tagħha fil-proċeduri fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et u Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et, tal-10 ta' Mejju 2001 u 29 ta' Novembru 2001 rispettivament:*
>
> > *"...mid-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie' u dan ghaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja."*
> >
> > *……*
> >
> > *Jekk għandhiex raġun jew le l-intimata fil-pretensjonijiet tagħha, mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tiddeċiedi. Dak li trid tara l-Qorti llum huwa jekk jikkonkorrux l-elementi skont il-liġi sabiex jitħassar id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta' Jannar 2015 u konsegwentement jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni.*"

32. Finalment, l-argument li la l-Ewwel Qorti kienet konxja illi fl-istadju ta' prim istanza ġew miċħuda t-talbiet tas-soċjetà appellata fl-atti tal-kawża 931/2014LM[14] ma jeżistix il-*prima facie,* huwa argument li ma jreġix stante li għandu jiġi kkunsidrat li l-partijiet kellhom dritt ta' appell, li ġie eżerċitat[15]. Konsegwentement dan l-aggravju b'hekk qiegħed jiġi miċħud.

***It-Tielet Aggravju***

33. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta ċaħdet it-talba tiegħu sabiex is-soċjetà appellata tagħmel tajjeb għad-danni sofferti minnu. Jgħid li d-danni li sofra huma ċari u jirriżultaw mill-atti li juru l-ammont ta' flus li ġew depożitati. Jgħid li l-preġudizzju li qed isofri huwa akbar minn dak li setgħet issofri s-soċjetà appellata. Jgħid li ġie mċaħħad minn dak kollu li rnexxielu jġemma' tul ħajtu.

34. Is-soċjetà appellata twieġeb billi tgħid illi anke jekk il-mandat kellu jiġi revokat, mhux neċessarjament kien sar b'mod abbużiv u huwa biss jekk dan inħareġ b'mod illeċitu illi jista' jrendi lil min ħarġu passibbli għad-danni. Isegwi li la l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba għat-tneħħija tal-mandat

---

[14] Fol. 323 et. seq. – Sentenza ppreżentata permezz ta' nota.
[15] Fol.460 – Verbal tas-26 ta' April 2022 fejn intalab li l-kawża odjerna tkompli tinstema' mal-kawża 931/2014LM.

ma hemm l-ebda responsabbiltà għad-danni. Tgħid illi sakemm ma jintweriex illi l-proċeduri saru b'mod negliġenti jew in malafede, ma jistax jitqies responsabbli għad-danni.

35. In oltre din il-Qorti tifhem li bil-mandat ta' sekwestru s-sekwestrat ikun f'sitwazzjoni ta' diffikultà, madankollu tqis illi dak li qed jilmenta minnu l-appellant, u ċjoè li ma jistax jaċċessa flus li ġew depożitati fir-reġistru tal-Qorti, huwa l-konsegwenza prevedibbli tal-proċedura li tiddetta kif jinħarġu u jinżammu tali mandati. B'żieda din il-Qorti ma għandhiex il-fakulta li tagħmel xi distinzjoni bejn il-partijiet skont il-mezzi finanzjarji iżda trid titratta lil kulħadd l-istess u tiddetermina l-vertenza li għandha quddiemha billi tevalwa l-fatti fid-dawl tat-talbiet u eċċezzjonijiet skont ma tipprovdi l-proċedura. Konsegwentement din il-Qorti ma għandhiex taqbad tneħħi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju sempliċement għax is-sekwestrat ma għandux fil-preżent il-libertà li jiddisponi mill-kont bankarju tiegħu.

36. Dan l-aggravju qiegħed b'hekk jiġi miċħud.

***Ir-Raba' Aggravju***

37. Illi permezz tar-raba' aggravju l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti donnha rraġunat li l-appellant ma rrispettax xi rekwiżit proċedurali impost

mil-liġi. Jgħid li b'referenza għall-dak li saħqet l-Ewwel Qorti fil-każ tal-Artikolu 836 (1) tal-Kap 12 ma hemmx rekwiżit identiku u għalhekk ir-rikorrent jista' jagħmel sottomissjonijiet li jolqtu diversi punti ta' kontestazzjoni flimkien u għalhekk kien jispetta lill-Qorti li tara biss li dawk is-sottomissjonijiet jinkwadraw ruħhom taħt xi wieħed mill-artikoli jew punti li fuqhom r-rikorrenti isejjes it-talba tiegħu. Ġaladarba l- aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors promutur tiegħu jinkwadraw ruħhom fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 836(1) (b), (d) u (f) tal-Kap12, l-istess appellant ma jistax jiġi penalizzat mill-qorti li tkun qed titratta t-talba tiegħu għal xi nuqqas proċedurali li fil-fatt ma jezistix. L-appellant jilmenta minn dan b'referenza għas-segwenti kunsiderazzjoni:

> "*Ir-rikorrent jargumenta wkoll li l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni kien abbużiv għaliex:*
>
> *i. Huwa qiegħed isofri preġudizzju akbar milli kienet issofri l-intimata likieku t-talba għall-ħruġ tal-mandat ma ġietx milqugħa;*
>
> *ii. Il-mandat ġie milqugħ mat-tieni attentat tal-intimata li tottjenih;*
>
> *iii. L-intimata setgħet tipproċedi skont l-artikolu 838A tal-Kap. 12 sabiex titlob lill-Qorti tordna lir-rikorrent jagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' danni.*
>
> *Madanakollu, l-ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma hija bażi tajba sabiex skont il-liġi jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru de quo*"

38. Għal dan is-soċjetà appellata wieġbet illi mhux minnu illi l-Ewwel Qorti implikat illi l-appellant ma rrispettax xi rekwiżit proċedurali impost mil-liġi iżda l-Ewwel Qorti sempliċiment spjegat l-argumenti mressqa.

39. Din il-Qorti ma tarax li l-Ewwel Qorti għamlet xi kunsiderazzjoni sabiex titfa' xi dawl ikrah fuq l-appellant u kif osservat is-soċjetà appellata l-Ewwel Qorti sempliċiment ikkunsidrat l-argumenti tal-appellant b'dan li qieset li dawn ma humiex bażi tajba sabiex jiġi rrevokat il-mandat ta' sekwestru *de quo*. Dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Deċide**

40. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiċħdu u għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 2020, fl-ismijiet premessi. Spejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-appellant Natalino Zammit.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr